# Ġabra tal-ġurisprudenza

**Digriet tal-President tal-Qorti Ġenerali tal-5 ta' Diċembru 2014 — AF Steelcase vs UASI**

**(Kawża T-652/14 R)**

"Proċeduri għal miżuri provviżorji — Kuntratti pubbliċi — Provvista u installazzjoni ta' għamara — Ċaħda tal-offerta ta' offerent — Talba għas-sospensjoni tal-eżekuzzjoni — Nuqqas ta' fumus boni juris"

1. *Proċeduri għal miżuri provviżorji — Sospensjoni tal-eżekuzzjoni — Miżuri provviżorji — Kundizzjonijiet għall-għoti — Fumus boni juris — Dannu gravi u irreparabbli — Natura kumulattiva — Setgħa diskrezzjonali tal-Imħallef għal miżuri provviżorji (Artikoli 256(1) TFUE, 278 TFUE u 279 TFUE; Regoli tal-Proċedura tal-Qorti Ġenerali, Artikolu 104(2)) (ara l-punti 15-17)*

2. *Atti tal-istituzzjonijiet — Motivazzjoni — Obbligu — Portata — Deċiżjoni, fil-kuntest tal-proċedura għall-għoti ta' kuntratt pubbliku għal servizzi, li ma tintgħażilx offerta — Obbligu li jiġu kkomunikati, wara talba bil-miktub, il-karatteristiċi u l-vantaġġi relattivi tal-offerta magħżula kif ukoll isem l-offerent li ngħata l-kuntratt (Artikolu 296 TFUE; Karta tad-Drittijiet Fundamentali tal-Unjoni Ewropea, Artikolu 41(2)(ċ)) (ara l-punti 23, 24)*

3. *Drittijiet fundamentali — Karta tad-drittijiet fundamentali tal-Unjoni Ewropea — Dritt għal amministrazzjoni tajba — Portata (Karta tad-Drittijiet Fundamentali tal-Unjoni Ewropea, Artikolu 41(1)) (ara l-punt 31)*

## Suġġett

Talba għal miżuri provviżorji intiża, essenzjalment, għas-sospensjoni tal-eżekuzzjoni tad-deċiżjoni tal-Uffiċċju għall-Armonizzazzjoni fis-Suq Intern (Trade marks u Disinni) (UASI), tat-8 ta' Lulju 2014, li tiċħad l-offerta ppreżentata mir-rikorrenti fil-kuntest tal-proċedura ta' sejħa għal offerti dwar il-provvista u l-installazzjoni ta' għamara u ta' aċċessorji fil-bini tal-UASI.

## Dispożittiv

1) It-talba għal miżuri provviżorji hija miċħuda.

2) L-ispejjeż huma rriżervati.